MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-5 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1884/2018/1 LM

**Inġinier Joseph Bajada (ID numru 36863G)**

***vs.***

**Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **l-inġinier Joseph Bajada** (K.I. 36863G) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li ġie ppreżentat fl-20 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati jew min minnhom milli jkomplu bil-proċess tal- u għall-ħatra ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fid-Direttorat għal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex* **(***MR/MG*

*No. 7/2018), fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, liema proċess illum jinsab fl-istadju tal-petizzjoni quddiem l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u dan peress illi r-rikorrent qed jiġi preġudikat fid-drittijiet sħaħ tiegħu ta' fair hearing u equality of arms fil-proċess ta' petizzjoni kif kondott quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema proċess qed isir ukoll bi ksur tar-regolamenti li jirregolaw l-istess proċess, u dan anke billi dan il-Mandat jiġi milqugħ provviżorjament, u dan kollu bi preġudizzju għar-rikorrent.*

*FATTI FIL-QOSOR:*

1. *Illi l-esponent applika għal Post ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fid-Direttorat għal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex wara illi ħarġet sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern HR/MG/no.7/2018;*

2. *Illi ġie ppubblikat ir-riżultat tal-istess proċess ta' għażla u l-esponent ġie fit-tieni post minn fost disa' kandidati, u dan kollu wara illi selection board ikkonduċa l-proċess tal-għażla;*

3. *Illi s-selection board kien presedut minn John Borg u kellu jservu fuq il-Bord lil Mario Borg u Joseph Delicata bħala membri;*

4. *Illi bejn l-ewwel kandidat klassifikat u l-esponent, id-differenza ta' marki hija ta' żewġ punti, meta l-marki huma minn 200 punt, l-ewwel klassifikat ġab 145 u l-esponent ġab 143 (Dok. A);*

5. *Illi kif kien dritt tal-esponent skont ir-regolamenti, huwa ressaq petizzjoni quddiem l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku nhar l-24 ta' Settembru, 2018 (Dok. B), u hemmhekk, ressaq il-lanjanzi tiegħu fir-rigward tar-riżultat pubblikat;*

6. *Illi b'email tas-17 ta' Ottubru, 2018 (Dok. C), il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għarrfet lill-esponent b'dak illi l-Bord tal-Għażla kien ikkummenta in segwitu għal petizzjoni tal-istess esponent u talbet lill-istess esponent sabiex jagħmel kummenti ulterjuri fi żmien hemmhekk stabbilit;*

7. *Illi l-esponent hekk għamel u dan permezz ta' ittra mibgħuta għan-nom tiegħu datata 22 ta' Ottubru, 2018 (Dok. D) u l-esponent talab hemmhekk,*

*partikolarment in vista ta' dak li kien ikkummenta l-Bord tal-Għażla, sabiex jingħata aċċess għall-file mertu ta' din l-għażla;*

8. *Illi minflok aċċess għall-file, huwa ngħata ittra u/jew email (Dok. E) li biha ġie mogħti żmien qasir ta' ħamest ijiem utili sabiex jirrispondi, imma fuq kollox u l-agħar, illi huwa ma ngħatax aċċess għal file, imma biss ġie provdut bin-noti meħuda fir-rigward tal-esponent mill-Bord tal-Għażla waqt l-intervista;*

9. *Illi l-esponent iħoss illi dan huwa mhux biss insult, imma ksur lampanti tad-drittijiet tiegħu illi qegħin fuq kollox jippreġudikawh fid-dritt tiegħu illi jkollu kull opportunità kif trid il-liġi, kemm miktuba u kif ukoll dik imsejsa fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, milli jkollu smigħ xieraq, ġust u fair;*

*PRINĊIPJU ĠENERALI*

10. *L-artiklu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 01 (Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku), jistipula:*

*Fit-twettiq tal-funzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha:*

*(a) Tfittex li żżomm standard għoli ta' kompetenza, effiċjenza u integrità fis-servizz pubbliku, u*
*(b) Tħares il-prinċipji tal-ġustizzja, ekwità, mertu, ugwaljanza ta' opportunitajiet, imparzjalità u libertà minn diskriminazzjoni, patroċinju u favoritiżmu.*

11. *Mhux ser issegwi argumentazzjoni dwar min għandu jġib l-aktar marki u/jew dwar il-varjazzjoni tal-marki tar-rikorrent o meno – dak jitħalla għall-aħjar ġudizzju tal-PSC una volta illi l-proċess ma jkunx ivvizzjat minn lanzjanzi serji li jwasslu għal proċess żbaljat bi ksur tad-drittijiet tal-mittent. Huwa fir-rigward ta' dan illi ser jitressqu s-segwenti fatti u argumenti.*

*DRITT GĦALL-INFORMAZZJONI/AĊĊESS TAL-ATTI*

12. *Illi r-rikorrent, talab lill-Kummissjoni PSC sabiex jara l-marki ottenuti mill-kandidati l-oħra partikolarment wara illi jirriżulta illi appuntu fil-proċess tal-petizzjoni, il-Bord tal-Għażla li qed jiddefendi r-riżultat wara l-petizzjoni, qiegħed jagħmel dan (a) bil-vantaġġ illi għandu quddiemu l-marki u n-noti kollha tal-kandidati kollha fil-proċess, u (b) evidentement hu ċar illi allura, hu jew mhux proċess avversarju dan*

*quddiem il-PSC, żgur illi l-iċken ħaġa illi għandu jkollu dritt għaliha l-petitioner sabiex ikun lilu garantit proċess ekwu u ġust, imsejjes kif iridu r-regolamenti, ossia b'ħarsien lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, huwa d-dritt illi jkollu aċċess għall-file intier.*

13. *Anke hawnhekk u fuq dan il-punt, il-Qrati tagħna ġia kienu ċari:*

*"għalkemm mad-daqqa t'għajn ma jidhirx illi l-proċess jista' jiġi kklassifikat bħala adversary proceeding, madankollu min jagħmel il-petizzjoni għandu jingħata l-opportunità illi jippreżenta l-ilment tiegħu bl-aħjar mod. Inkella x'inhu l-iskop li kandidat jingħata rimedju? Dan jista' jagħmlu biss jekk jingħata aċċess għad-dokumenti kollha relatati mal-proċess tal-għażla u mal-petizzjoni.[1]"*

14. *Illi huwa minnu illi r-regolament 5.1 tal-Manual on the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service (Dok. C), jistipula illi, "a breakdown of the result for each criterion and sub-criterion is to be given by the authorities, or his/her delegate, only at the specific request of a candidate and only in respect of his/her own performance during the interview."*

15. *Imma huwa minnu wkoll illi l-Liġi Sussidjarja Kost. 05 (Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar il-ħatriet) allura lex specialis, fl-artikolu 24(4) tagħha, tirrikjedi illi petizzjoni minn applikant taħt dan ir-regolament ma tiġix ikkunsidrata sakemm l-applikant ma jindikax b'mod ċar u speċifiku r-raġunijiet għaliex jaħseb li d-deċiżjoni tal-Bord tal-għażla ma tirriflettix il-prinċipju ta' mertu;*

16. *Ulterjorment, illi l-Artikolu 36 tal-istess Liġi Sussidjarja jistipula illi ma jistax ikun hemm pubblikazzjoni jew żvelar ta' informazzjoni li tkun ħarġet mill-proċessi ta' għażla, u li tappartjeni għal individwi sakemm dik il-pubblikazzjoni jew żvelar ma tkunx neċessarja għal għan uffiċjali leġittimu konness mal-proċess ta' għażla, sottomissjonijiet jew petizzjonijiet;*

17. *Illi jiġu umilment sottomess mill-ewwel, illi l-esponent talab għall-marki tat-terzi kandidati l-oħra, appuntu għal għan uffiċjali leġittimu, ossia sabiex jintavola il-petizzjoni tiegħu "b'mod ċar u speċifiku" kif trid il-liġi, u sabiex, ukoll kif trid il-liġi, iressaq f'dan il-proċess, petizzjoni u sottomissjonijiet kif titlob il-liġi,*

[1] Digriet tal-PA għal Mandat ta' Inibizzjoni 128/2017 AE – **Dr. Stephanie Muscat *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** (01.10.2017) (para. 11).

*Dan qed jiġi lilu mċaħħad b'mod inġust u illeċitu – u dak li trid il-liġi, ossia, it-trasparenza, qed jiġi oskurat, niente di meno, mill-istess Kummissjoni intimata.*

18. *Illi t-talba ta' petitioner fi proċess ta' petition quddiem il-PSC hija ċertament leġittima u taqa' fid-definizzjoni ta' "uffiċjali leġittimu" kif fuq kollox determinat u stabbilit anke minn din l-Onorabbli Qorti f'okkażjoni oħra, meta qalet:*

*"... Il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent taqa' taħt din id-dispożizzjoni. Wara kollox hi talba li saret fil-kors tal-petizzjoni u li saret lill-Kummissjoni fit-termini tal-liġi."*[2]

19. *Illi kif jirriżulta anke mir-regolamenti su ċitati, il-prinċipju tal-mertu huwa punt determinanti. L-esponent qed iressaq din il-petizzjoni għaliex jidhirlu illi dan ir-riżultat ma jirriflettix il-prinċipju tal-mertu."*

*Din l-Onorabbli Qorti ġia esprimiet ruħha fir-rigward meta qalet:*

*"Il-Qorti ma taqbel xejn mal-intimati (ukoll PSC f'dawn il-proċeduri) li r-rikorrent għandu biss dritt isostni illi huwa kellu jingħata aktar marki għoljin u mhux jilmenta dwar il-marki li ġab ħaddieħor. Mhux hekk jirriżulta mir-regolamenti. Ladarba l-ħatra għandha tkun fuq il-prinċipju ta' mertu, il-proċess kollu quddiem il-Kummissjoni hu proprju biex isir stħarriġ dwar jekk il-kandidat magħżul huwiex l-aktar kandidat adatt minn dawk li applikaw għal ħatra. Ovvjament fl-eżerċizzju li kellu jagħmel il-bord tal-għażla, hemm aspetti soġġettivi. Però, f'dan ir-rigward jipprovdi regolament 19.*

*"... jekk ir-rikorrent mhux ser jingħata t-tagħrif, ser isofri preġudizzju fil-proċess ta' petizzjoni għaliex ser ifisser li mhux ser jingħata aċċess għal tagħrif lilu essenzjali biex isaħħaħ it-teżi tiegħu li r-riżultat ma jirriflettix il-prinċipju tal-mertu."*[3]*"*

20. *Illi din il-linja ta' ħsieb ġiet ikkonfermata anki f'Digrieti oħra ta' din l-Onorabbli Qorti f'atti ta' Mandati ta' Inibizzjoni oħra, anke jekk għar-raġunijiet tagħhom, dawk it-talbiet tal-ħruġ ta' mandati ma ntlaqgħux.*[4]

---

[2] Digriet tal-PA għal Mandat ta' Inibizzjoni 1289/2017 AE – **Dr. Stephanie Muscat noe *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** (01.10.2017) (para. 12).
[3] Digriet tal-PA għal Mandat ta' Inibizzjoni 1289/2017 AE **– Dr. Stephanie Muscat noe *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** (01.10.2017).
[4] 997/18 JRM – **Dr. Johann Craus *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et.**

21. *"......il-Kummissjoni trid tħares il-prinċipji ta' smigħ xieraq u tagħti lill-istess konkorrent kull faċilità ta' aċċess għat-tagħrif kollu li jkun jinsab fil-proċess tal-għażla, magħdud tagħrif dwar konkorrenti oħra."*[5]

22. *Illi r-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu lill-PSC kien espliċitu u ċar fuq il-mod kif il-jeddijiet tiegħu qed jiġu leżi fir-rigward tal-fatt illi huwa ma ngħatax il-marki tal-kandidati l-oħra għal liema osservazzjonijiet u lanjanzi, l-intimati ma taw l-ebda rimedju, anzi, għall-preċiżjoni jingħad biss illi ngħata n-notamenti tal-Bord tal-Għażla fir-rigward tiegħu stess. Bħal dak li qallu, x'iseħħ waqt l-interview tiegħu stess hu ma jafux. Tassew insult għall-intelliġenza tal-esponent.*

*NUQQAS TA' TRASPARENZA U NUQQASIJIET OĦRA FIL-PROĊESS TAL-GĦAŻLA*

23. *Illi l-proċess ta' petizzjoni quddiem il-PSC huwa vizzjat għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija huwa għalhekk stabbilit. Imma tajjeb jingħad ukoll illi anke l-proċess tal-għażla fih innifsu huwa vvizzjat.*

24. *Jinħtieġ illi l-PSC tieħu konjizzjoni anke ta' numru ta' fatturi oħra illi għandhom iwasslu għal kanċellament tar-riżultat u l-proċess li wassal għar-riżultat huwa evidenti, imma dan il-PSC qed tinjora illi tagħmlu u trid illi tibqa' għaddejja bil-proċess tal-petizzjoni mingħajr ma tikkonsidra r-raġunijiet għan-nuqqas ta' trasparenza u n-nullità tal-proċess.*

*Marka minn 200*

25. *Artiklu 3.4 tal-Manual fuq ċitat jgħid espressament illi, "where the number of applicants is up to and including 20, the range of marks should be 0 to 100, where the number of applicants is between 21 and 50, the range of marks is to be 0 to 200 ...:";*

26. *Fil-każ in eżami, u bbażat purament fuq ir-rużultat pubblikat li jindika illi kienu disgħa l-kontendenti (6 jgħaddu u tlieta jfallu), il-kandidati huma disgħa. Mela ai termini tar-regolamenti, tal-Manual, ir-range tal-marki kellha tkun bejn 0 u 100. Nonostante dan, jirriżulta illi r-range tal-marki kienet 0-200, tant illi r-rikorrent ottjena 143 minn 200 marka.*

[5] 1737/17 JRM – **Geoffrey Bartolo *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** et.

27. *Illi dan, fl-ewwel lok, jista' jagħmel null il-proċess u r-riżultati għaliex ma jirrispettax il-manual u r-regolamenti u fit-tieni lok ma hemmx dubbju illi l-effetti preġudizzjali fuq ir-rikorrent huma illi fejn intilfu l-marki mill-esponent u fejn iggwadanja l-kontendent li ġie l-ewwel setgħu kienu jvarjaw li kieku l-marki, kif suppost, kienu fir-range 0-100. Id-distakk bejn il-kontentendi hekk, ibbażata fuq 200, huwa ta' żewġ marki (meta se mai, all things being equal – imma biss għall-grazzja tal-argument), in effetti d-differenza hija biss ta' marka.*

28. *Illi dan mhux biss huwa ta' preġudizzjali għar-rikorrent, imma aktar minn hekk, marka jew tnejn il-Manual jgħid espressament illi 'cases such as those resulting in ties, or where the difference in ranking order is that of one or two marks, or borderline failures, require specific scrutiny."*[6]

29. *Illi allura, fil-kuntest ta' dan kollu, mhux neċessarju illi jkun hemm skrutinju akkurat u speċifiku f'dan il-każ. Minn dak magħmul sa issa mill-PSC, umilment sottomess, ma jirriżulta minn imkien illi qed tagħmel dak minnha mitlub mir-regolamenti;*

30. *Anzi, jingħad iżjed – illi jekk il-petitioner irid ikun, kif għandu jkun il-każ, parteċipi fi proċess ta' skrutinju aktar rigoruż, jispetta ferm aktar allura illi huwa jingħata aċċess sħiħ għall-file u l-opportunità sħiħa u kompluta illi huwa jiddefendi ruħu;*

31. *Fil-kuntest l-Onorabbli Qorti ġie kellha opportunità illi tesprimi ruħha f'atti simili għal dan u qalet:*

    *"Din il-materja għandha ovvjament tiġi ttrattata quddiem il-Kummissjoni, għalkemm hi ċirkostanza li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li r-rikorrent għandu jingħata aċċess għall-inkartament kollu relatat mal-proċess tal-għażla u l-petizzjoni."*[7]

32. *Illi għalhekk, il-mertu tal-Mandat odjern, mhux jekk ir-rikorrent ġabx biżżejjed marki, jekk ir-rikorrenti jistħoqqlux aktar marki, jekk ir-rikorrent jistħoqqlux riżultat aħjar. Dak huwa ançillari. F'dan l-istadju, dak li qed jilmenta minnu hawnhekk ir-rikorrenti huwa illi fil-proċess ta' petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, proċess mogħti lilu bid-dritt u bil-liġi, proċess regolat bil-liġi kif hawn fuq indikat, L-UNIKA OPPORTUNITÀ MOGĦTIJA LIL KANDIDAT BIEX JIKKONTESTA RIŻULTAT, il-Kummissjoni qed tapplika l-*

[6] 4.1 (iv) tal-Manual on the Selection and Appointment Process Under Delegated Authority in the Malta Public Service – Version 3.3 (Jan. 2018).
[7] Digriet tal-PA għal Mandat ta' Inibizzjoni 128/2017 AE – **Dr. Stephanie Muscat *vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** (01.10.2017).

*provvedimenti tal-manual u l-liġi kif u meta trid u jaqblilha, ħaġa fiha nnifisha ġia skorretta, iżda ukoll, billi u meta tagħmel dan, il-Kummissjoni qed tonqos u tippreġudika lir-rikorrent għax qed tagħlaq għajnejha għall-irregolaritajiet kollha li kien hemm fil-proċess tal-għażla, u qed iċċaħħad lir-rikorrenti mid-drittijiet tiegħu:*

a) *Għax mhux qed ikun f'pożizzjoni li jressaq l-aqwa sottomissjonijiet u difiża, inoltre kif trid il-liġi;*
b) *Għaliex filwaqt illi huwa qed jopponi r-riżultat u jixtieq illi jkollu l-informazzjoni kollha biex jipprova illi fuq il-prinċipju tal-mertu, huwa jistħoqqlu riżultat aħjar, min qed jiddefendi l-istess riżultat quddiem il-Kummissjoni (is-selection board) qiegħed vantaġġjat; u*
c) *Illi t-talbiet magħmula mill-esponent lill-Kummissjoni sabiex huwa jressaq l-aħjar difiża u sottomissjonijiet tiegħu, inkluż material facts, jiġu miċħuda mingħajr ebda raġuni, wisq anqas raġuni ġustifikata;*

   *Dan kollu ċertament illi ma jirrendux il-proċess ekwu, ġust, imparzjali, kompetenti u trasparenti kif trid il-liġi, u ċertament illi ma jirrendix l-operat tal-Kummissjoni f'dan il-proċess tar-rikorrrenti wieħed ta' standard għoli ta' kompetenza, effiċjenza u integrità, ukoll kif trid il-liġi.*

   *Oltre dan jirrendi l-proċess li qed isir wieħed ivvizzjat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, aktar u aktar meta huwa evidenti, anke fuq livell prima facie, illi hemm ksur lampanti tal-liġi u tar-regolamenti u tal-manual fil-proċess kollu tal-għażla illi l-Kummissjoni intimata għandha dritt illi tistħarreġ, imma minflok, tagħlaq għajnejha. Aktar u aktar meta l-Kummissjoni ġa nfetħulha għajnejha b'digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti f'atti ta' Mandati ta' Inibizzjoni oħra identiċi jew simili għal dan iżda l-Kummissjoni twebbes rasha.*

33. *Illi għalhekk il-preġudizzju li qed isofri l-mittenti huwa dak illi mhux qed jiġi ttrattat skont il-liġi u b'rispett lejn id-drittijiet kemm kostituzzjonali tiegħu ta' smigħ xieraq u equality of arms, imma wkoll, id-drittijiet tiegħu, mogħtija lilu mhux mill-manwal u mil-liġi, bil-konsegwenza ċara illi jekk jitlef l-opportunità illi jressaq id-difiża tiegħu fil-proċess tal-petition, din l-opportunità jkun tilifha darba għal dejjem.*

34. *Illi m'hemmx dubju illi almenu, fuq livell prima facie, ir-rikorrent għandu jedd illi jikkawtela d-drittijiet tiegħu sabiex il-pożizzjoni tiegħu ma titgħarraqx u sabiex isir l-istħarriġ kollu li hemm bżonn mill-qorti li għandha tiddeċiedi l-mertu dwar il-fondatezza ta-każ tiegħu u dwar kwalsiasi difiża li jistgħu jagħtu l-intimati. Għax it-tkomplija tal-proċess quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, vizzjat kif inhu għar-raġunijiet hawn elenkati, jekk jibqa' għaddej, bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti u ukoll bi ksur tal-provvedimenti tal-liġi kif hawn fuq spjegat, u li jwassal għal konferma tar-riżultat u l-*

*konsegwenti ħatra tal-uffiċjali, ma hemmx dubju illi għandha effett dirett*[8] *fuq ir-rikorrenti.*

35. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tkun sodisfatta, bir-rikors ġuramentat għall-ħruġ ta' dan il-Mandat u d-dokumenti miegħu hawn annessi, illi jissussistu r-rekwiżiti tad-dritt prima facie;*

36. *Illi kwantu l-isproporzjon tal-preġudizzju, din l-Onorabbli Qorti ma għandux ikollha dubbju illi jekk u fl-eventwalità illi jintlaqa' dan il-Mandat, l-intimati jew min minnhom mhux ser iġarrab preġudizzju sproporzjonat u superjuri għal dak tar-rikorrenti. Biżżejjed jingħad illi dan il-post ilu vakanti mis-sena 2006 u għal dan iż-żmien kollu, l-istess rikorrenti kien officer in charge tal-Cleansing f'Għawdex, u jibqa' jaqdi d-dmir tiegħu f'dan il-kuntest għal kemm ikun neċessarju ż-żmien. Ċertament illi dritt sagrosant u dritt uman bħal ma hu dak li jiġu, fi proċess bħal dak quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, li fuq kollox hija entità Kostituzzjonali, salvagwardjati d-drittijiet ta' min qed ifittex ġustizzja, u l-opportunità illi l-Qrati tagħna jissindakaw aktar fil-profond dak li qed jirriżulta prima facie illi huwa leżjoni tad-drittijiet tal-mittent u ksur tal-liġi fil-proċess li qed jiġi kondott mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, jissupera kwalsiasi preġudizzju illi l-Kummissjoni intimata jew kwalsiasi intimat ieħor jista' jgħid illi ser isofri jekk il-Mandat jintlaqa'. Kwindi anke dan il-kriterju neċessarju għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal dan għandha tirriżulta sodisfatta.*

37. *Illi petizzjoni magħmula għall-kontestazzjoni ta' ħatra fuq il-prinċipju tal-mertu ma tagħmlu ebda Qorti jew Tribunal ieħor – tagħmlu biss il-Kummissjoni intimata. Dan ifisser illi opportunità mitlufa f'dan l-istadju tal-proċess tal-għażla ma jista' qatt jerġa' jiġi u ma jista' qatt ikun irkuprat. Kif qalet din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha ġia diversi drabi hawn ikkwotat, "… il-fatt illi jista' jkollu jedd għad-danni, mhux rimedju adegwat. Ir-rimedju hu dak li jikkontemplaw ir-regolamenti, ċioe l-petizzjoni lill-Kummissjoni." U hekk hu – għaliex ebda danni ma jistgħu qatt jagħtu lir-rikorrenti l-opportunità illi jikkonkorri bil-ġust għal post illi jemmen li jista' jieħu."*

38. *U għalhekk jingħad bir-rispett illi ebda stħarriġ ġudizzjarju fil-mertu quddiem organu ġudizzjarju ma jkun jiswa jekk il-proċess jibqa' għaddej. Għaliex dan huwa l-uniku proċess illi tikkontempla l-liġi – u huwa għalhekk dan il-proċess illi għandu jitmexxa mingħajr preġudizzju irriversibbli għar-rikorrenti petitioner. Huwa għalhekk illi qed jintalab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni odjern, appuntu sabiex il-Kummissjoni ma tkomplix bil-proċess sakemm jiġi stabbilit mill-Qrati, b'eżami fil-mertu, jekk hemmx leżjoni tad-drittijiet tal-petitioner jew le. Għaliex jekk il-Kummissjoni tilħaq tagħti d-deċiżjoni tagħha, allura l-*

---

[8] Vide Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 147/2016 JZM: **UHM et *vs.* Kummissarju tat-Taxxi Interni** fuq materja simili.

*uniku proċess addett bil-liġi sabiex konkorrent għal post pubbliku jittenta, ossia l-petition, ikun ormai ġie magħluq u ebda Qorti ma tkun tista', una volta proċess magħluq, twaqqaf tali proċess għax ikun mitmum u n-nuqqas lamentat ma jkun jista' qatt jitneħħa.*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex sakemm dan il-Mandat jiġi degretat b'mod definittiv, jogħġobha TILQA' PROVVIŻORJAMENT l-istess mandat.*

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tal-**Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** u tas-**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex**, ippreżentata fis-26 ta' Novembru, 2018, li tgħid kif ġej:

*Illi din it-tweġiba qed issir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2018.*

*Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi żżomm lill-intimati milli "jkomplu bil-proċess tal u għal ħatra ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fid-Direttorat għal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex (MR/MG No. 7/2018) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, liema proċess illum jinsab fl-istadju tal-petizzjoni quddiem l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u dan peress illi r-rikorrent qed jiġi preġudikat fid-drittijiet sħaħ tiegħu ta' fair hearing u equality of arms fil-proċess ta' petizzjoni kif kondott quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema proċess qed isir ukoll bi ksur tar-regolamenti li jirregolaw l-istess proċess, u dan anke billi dan il-Mandat jiġi milqugħ provviżorjament, u dan kollu bi preġudizzju għar-rikorrent".*

*L-esponenti jissottometti li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

*Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista' jinħreġ mandat ta' inibizzjoni*

*Illi qabel ma jiġu indirizzati l-fatti tal-każ, l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:*

*"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet".*

*Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*

*"huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995).*

*L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie r-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

*"Ir-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:*

*I. Il-Qorti m'gandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*

*II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET".*

*Illi l-liġi tħares il- "jedd" prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-ħsara li minnha r-rikorrenti jilmenta tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċioe' li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda ntiża sabiex tirkupra danni. Dan ghaliex ir-rikorrenti għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa wieħed irrimedjabbli u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta'*

*Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tigi rimedjata mod ieħor".*

*Illi inoltre, l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tigi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma".*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioè is-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

*Il-fatti*

*Il-fatti saljenti li huma rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern huma s-segwenti:*

*Illi fit-13 ta' Lulju 2018, il-Ministeru għal Għawdex ippubblika sejħa miftuħa għal uffiċċjali pubbliċi għall-post ta' "Assistent Direttur (Public Cleansing) fid-Direttorat gal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex" bir-riferenza HR/MG 7/2018.*

*Illi ġie maħtur Bord tal-Għażla li żamm l-intervisti ta' disa' kandidati li sottomettew l-applikazzjoni tagħhom.*

*Illi r-rikorrent l-Inġinier Joseph Bajada ġie fit-tieni post fil-klassifikazzjoni.*
*Illi r-riżultat ġie mibgħut lill-kandidati kollha permezz ta' e-mail fid-19 ta' Settembru 2018.*

*Illi fl-24 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni intimata rċeviet petizzjoni magħmula mir-rikorrenti.*

*Illi fis-27 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni dderiġiet lill-Inġinier Bajada biex jottjeni r-riultat tal-klassifikazzjoni tiegħu mis-sezzjoni ta' riżorsi umani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, u tagħtu żmien sal-4 ta' Ottubru, 2018 sabiex jissostanzja l-petizzjoni tiegħu. Illi r-rikorrenti wieġeb illi ser iżomm il-pożizzjoni tiegħu mingħajr ma jkompli jissostanzja l-petizzjoni.*

*Illi fit-8 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni infurmat lil-Ministeru ghal Ghawdex bil-petizzjoni u tat struzzjonijiet sabiex ma jipproċedux bil-ħatra tal-ewwel kandidat sakemm il-petizzjoni tar-rikorrent tkun konkluża. Talbet ukoll lill-Bord tal-Għażla sabiex jissottometti l-kummenti rigward il-punti imqajma mill-petizzjonant fi żmien għaxart ijiem ta' ħidma.*

*Illi l-Bord tal-Għażla ssottometta l-kummenti u fis-17 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel tweġiba lill-petizzjonant bil-kummenti tal-Bord, fejn tagħtu żmien ta' ħamest ijiem ta' ħidma sabiex jissottometti iżjed fatti materjali rilevanti għall-petizzjoni.*

*Illi fit-22 ta' Ottubru 2018, il-petizzjonant permezz ta' ittra mibgħuta mingħand ir-rappreżentant legali tiegħu talab illi l-Kummissjoni tipprovdih b'informazzjoni dwar il-marki li ottjena hu u mill-kandidati l-oħra u b'kopja tal-file komplut inkluż in-noti kemm b'rispett tiegħu u kemm tal-kandidati l-oħra.*

*Illi fit-30 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ddireġiet illi l-Bord tal-Għażla għandu jissottometti n-noti meħuda b'rispett tal-petizzjonant iżda mhux b'rispett tal-kandidati l-oħra. Il-Kummissjoni offriet ukoll l-opportunità lill-petizzjonant sabiex ssir laqgħa mal-membri tagħha.*

*Illi permezz ta' komunikazzjoni fit-13 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni infurmat lir-rappreżentant legali tal-petizzjonant bid-deċiżjoni tagħha.*

*Illi fl-20 ta' Novembru 2018, ir-rikorrent ippreżenta ir-rikors in risposta fejn talab li tintlaqa' t-talba proposta u fl-istess jum din l-Onorabbli Qorti proviżorjament laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.*

*Mertu tar-rikors*

*Illi traċċjati l-fatti saljenti, l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati biex jivvessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.*

*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottomettu li l-proċess tal-għażla mertu ta' dan ir-rikors jinsab f'dan l-istadju sospiż u dan għaliex peress li r-rikorrenti ppreżenta petizzjoni skont dak li jipprovdi r-Regolament 26 (1) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S. Kost. 05), il-ħatra ser tinżamm sakemm jiskadi l-perjodu għas-sottomissjonijiet u sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali fuq il-petizzjoni. Illi mill-fatti li jiċċirkondaw dan il-każ, jidher li l-Kummissjoni għadha ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar il-petizzjoni tar-rikorrenti iżda l-istadju li kienu waslu fihom il-proċeduri kien illi r-rikorrenti kien ingħata l-opportunità li wara li ingħata l-kummenti dwar il-petizzjoni tiegħu u l-kjarifiki tal-Bord tal-Għażla dwar is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub kienet ġiet iffissata seduta għas-smigħ tas-sottomissjonijiet orali tal-petizzjoni tar-rikorrenti. Illi jidher għalhekk li l-fatt li qed jittanta jwaqqaf ir-rikorrenti effettivament mhux ser isir u dan stante li l-proċess tal-għażla jinsab miżmum minħabba l-intavolar tal-petizzjoni u dan sabiex jinstema' l-istess rikorrenti wara li ngħata l-informazzjoni kollha dwar il-petizzjoni tiegħu li l-Kummissjoni rċeviet mill-Bord tal-Għażla. Illi per konsegwenza, wieħed mill-elementi għall-ħruġ tal-Mandat, għalhekk, mhuwiex sodisfatt. Fuq dan il-punt issir riferenza għad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *(rikors numru 1109/13) deċiż fil-31 ta' Lulju 2013 fejn ġie osservat illi "Għal din il-Qorti huwa ben evidenti illi bid-dikjarazzjoni uffiċjali li saret illum mill-intimat mhuwiex sodisfatt ir-rekwiżit rikjest fl-ewwel parti tas-subinciz (3) tal-Art. 873. U billi l-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi, jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat".*

*Illi mingħajr preġudizzju gas-suespost, minkejja l-fatt li r-rikorrenti kien wieħed mill-kandidati li applikaw għall-għażla, mandankollu dan ma jagħtih l-ebda dritt awtomatiku li jintgħażel sabiex jimla l-vakanza. Id-dritt tar-rikorrenti kien li jipparteċipa fl-għażla iżda dak li huwa ċert huwa li r-rikorrenti ma għandu l-ebda dritt li jkun huwa li jintgħażel. Illi kif inhu imlibbes ir-rikors in risposta, minkejja li fil-paragrafu 11 jingħad espressament li mhux qed jittratta l-kwistjoni jekk ġabx marki biżżejjed u jekk kienx jistħoqqlu riżultat aħjar, madanakollu meta wieħed*

*janalizza l-kontenut tar-rikors in risposta huwa ċar li r-rikorrenti qiegħed b'mod indirett jidħol fil-mertu tar-riżultat kif ukoll qiegħed b'mod sfaċċjat jittenta jitfa' l-funzjoni tal-Kummissjoni esponenti fuq dina l-Onorabbli Qorti billi jistidinha li tikkunsidra l-petizzjoni hija stess billi jerġa' jressaq talbiet identiċi li saru quddiem il-Kummissjoni esponenti. Illi ċertament li tali manuvrar min-naħa tar-rikorrenti bl-ebda mod ma jissodisfa l-elementi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub u dan kif diġà kellha l-opportunità li tiddeċiedi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et*** *(rikors numru 1804/2008) deċiż fil-15 ta' Diċembru 2008 fejn ġie osservat illi "Tqis li r-rikorrenti ma jidhirx li għandu jedd mad-daqqa t'għajn li tabilfors jingħata l-promozzjoni minnu mixtieqa. Ix-xewqa li wieħed jingħata promozzjoni ma tissarrafx tabilfors f'jedd li jiksibha. Il-jedd huwa dak li jieħu sehem fi proċess tal-għażla li jitmexxa kif imiss. Tqis li huwa minnu li r-rikorrent wera li huwa ghandu kwalifiki mill-aqwa, servizz twil u esperjenza wiesgħa, kredenzjali sodi ta' responsabbilità, kwalifiki akkademiċi u għaqal fit-twettiq tal-ħatriet li dejjem ingħata tul il-karriera tiegħu fil-Korp. L-intimati ma jmieru xejn minn dawn il-kisbiet u ħiliet tiegħu. Iżda dawn l-elementi lanqas ma jidher li huma nieqsa f'dawk l-oħrajn minn sħabu li ġew qablu fil-gradwatorja (order of merit). Dan ifisser li l-eżerċizzju tal-għażla kien ir-riżultat ta' tqabbil ta' għadd ta' kriterji li kienu meqjusin flimkien mill-Bord. Tqis li huwa stabbilit li "The primary factor in determining the selection of officers for promotion is the maintenance of promotions, due consideration will be given to qualified officers serving in the Public Service and account is taken of qualifications, experience and merit, before seniority in the service". Il-kriterju tal-anzjaneta' huwa wieħed 'sussidjarju' għll-kwalifiki l-oħrajn li jitqiesu ewlenin u li jittieħdu flimkien".*

*Illi l-esponenti jissottomettu li dak li jrid jiġi muri huwa li r-rikorrenti għandu jedd li jistħoqq li jiġi kkawtelat liema jedd irid ikun wiehed oġġettiv u mhux suġġettiv u ċioè illi l-jedd irid jidher prima facie jew mal-ewwel daqqa t'għajn għall-fini ta' dina l-proċedura eċċezzjonali (ara* ***Grech pro et noe vs Manfre****).*

*Minn analiżi tar-rikors in risposta jirriżulta li ma hemm l-****ebda jedd oġġettiv*** *da parti tar-rikorrent illi jista' jitħares biss permezz tal-ħruġ tal-mandat in risposta. L-esponenti jissottomettu li f'kuntest ta' petizzjoni l-Kummissjoni tkun trid tindirizza l-punti mqajjma fil-petizzjoni u tara li l-għoti tal-marki jkunu ingħataw b'mod ġust u ekwu. Illi dan huwa li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S. KOST.05) u ċioè li janalizza r-raġunijiet abbażi*

*ta' liema tkun qed issir il-petizzjoni. Illi wieħed irid jinkwadra dan kollu taħt il-kappa li dawn mhumiex proċeduri kontenzjużi fis-sens li l-individwu għandu kull dritt li permezz tal-petizzjoni tiegħu jagħmel sottomissjonijiet sabiex juri li kien huwa li jimmerita li jingħata l-ħatra iżda f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda "litiġju". Illi kif ingħad aktar 'il fuq, individwu ma għandu l-ebda dritt li jingħata l-ħatra anke jekk l-istess individwu jħoss li huwa l-aktar persuna idoneja li tingħata tali ħatra u dan stante li huwa l-ġudizzju tal-persuna li taħtar li tiddetermina jekk il-persuna tkunx l-aktar persuna idoneja fost il-kandidati li tkun tista' tiġi fdata b'tali kariga.*

*Fil-każ odjern, in kwantu l-ilment tar-rikorrenti qed jiġi indirizzat kontra l-Kummissjoni esponenti, ir-rikorrenti qed jilmenta li mhux qiegħed jitħalla jagħmel l-aħjar sottomissjonijiet għaliex ma ngħatax kopja tal-breakdown tar-riżultati tal-kandidati l-oħra u kif ukoll meta ma ngħatax kopja verbatim tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Bord tal-Għażla u kopja tal-file fl-intier.*

*L-esponenti jissottomettu li fi stadju ta' petizzjoni l-irwol tal-Kummissjoni huwa li tikkunsidra r-raġunijiet mogħtija minn kandidat li jkun ħass ruħu aggravat bir-riżultat tal-Bord tal-Għażla u l-iskrutinju li jsir mill-Kummissjoni huwa li tintalab spjegazzjoni mill-Bord tal-Għażla u raġunijiet dettaljati l-għala l-Bord tal-Għażla jkun wasal għal tali riżultat.*

*L-esponenti jissottomettu wkoll illi r-rikorrenti ma għandux dritt li jingħata breakdown tal-marki tal-kandidati l-ohra. Il-Bord tal-Għażla hu marbut minn kunfidenzjalità f'dak li jirrigwardja r-rapporti, id-dokumenti u l-informazzjoni li jista' jiżvela, u dan ai termini kemm tal-Manual on the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service (Sezzjoni 2.4; ara d-Dokument hawn anness bhala Dok A) u kemm tal-liġi. Jingħad illi tant huma kkunsidrati sensittivi d-dokumenti fil-petizzjonijiet quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku illi l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta) fl-artikolu 5(4)(ċ) jeskludi l-applikazzjoni tiegħu għal dokumenti miżmuma minn din il-Kummissjoni.*
*Illi r-rikorrent ingħata l-breakdown tal-marki tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jibni dawk l-argumenti sabiex juri li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla fil-konfront tiegħu ma tirriflettix il-prinċipju ta' mertu. Illi dan il-proċess ma jirrikjedix taqbil tal-mod kif ingħataw il-marki lilu mal-mod kif ingħataw il-marki lill-oħrajn. Ir-rikorrenti tul il-petizzjoni għandu l-fakultà illi jagħmel sottimissjonijiet u kritika tal-kriterji li fuqhom ingħata marki. Għal dan il-għan,*

*mhux neċessarju illi jara n-notamenti tal-kandidati l-oħra kollha. Dan kollu jista' jsir waqt il-petizzjoni illi r-rikorrenti qed jitlob illi titwaqqaf.*

*Illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt oġġettiv u l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo gia huwa sprovvist mill-ewwel rekwiżit fundamentali tiegħu u dan stante li d-dritt li għandu f'dan il-kuntest ingħata lilu u ċioè li tħalla jipparteċipa fit-tiġrija u wkoll ingħatat kull informazzjoni li tirrigwarda lilu.*

*Illi lanqas huwa minnu dak li qiegħed jallega r-rikorrent illi l-proċess tal-għażla kien vizzjat minħabba li r-range tal-marki kellha tkun bejn 0 u 100. L-esponenti jirrileva illi din ir-range ta' marki ta' bejn 0 u 100 fil-każ li jkun hemm għoxrin kandidat u ta' bejn 100 u 200 jekk ikun hemm bejn wieħed u għoxrin u ħamsin kandidat ma tapplikax għal selezzjoni ta' Assistent Direttur li qiegħed fi skala 5 meqjusa Top Management u li f'dan il-każ japplikaw ċertu eċċezzjonijiet fir-rigward ta' tali sejħiet. Meta jkun hemm sejħiet għal Assistent Direttur, il-marki dejjem jingħataw bejn 0 u 200, bil-pass mark ta' 120, meta kkumparat mas-sejħiet l-oħra li jkollhom pass mark ta' nofs il-marki massimi, u ċioè ta' 50 minn 100 jew 100 minn 200. Dan kollu jidher ċar mid-dokument anness bħala 'Dok B' illi huwa wkoll disponibbli minn fuq is-sit tas-servizz pubbliku.*

*Illi jiġi sottomess ukoll illi dak li qiegħed jiġi mitlub permezz tar-rikors in risposta huwa illi l-proċess ta' petizzjoni jkompli basta r-rikorrenti jkollu a disposizzjoni tiegħu kopja intiera tal-file mertu tal-imsemmija petizzjoni. Fuq dan il-punt għandu jiġi sottomess illi talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tista' tintlaqa' biss jekk dak illi qiegħed jintalab hija obbligazzjoni di non fare u mhux di fare. Joħroġ lampanti illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, il-Qorti tordna illi l-file tal-intervisti jingħata lir-rikorrenti u allura din issarraf ruħha f'obbligazzjoni di fare u mhux di non fare. Illi għaldaqstant jidher car illi dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent mhuwiex biex jitwaqqaf il-proess ta' petizzjoni, iżda biex dan jitkompla basta b'ħarsien tal-liġi li skontu qed jigi leż. Fuq dan il-punt, din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, diġà esprimiet ruħha f'atti ta' mandat ta' inibizzjoni b'fatti simili għal dak odjern, fejn qalet:*

*"Tqis li f'dan ir-rigward l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jieħu xejra oħra. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tagħtix lok għal specific performance, iżda għal rimedji oħrajn. Wara kollox, il-Mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda*

*obbligazzjoni di non fare. Fit-tieni lok, għaliex ma jistax jingħad li teżisti l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat jekk "prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaċi tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-Qorti…".*

*Jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrent ma kienx ikollu l-ebda azzjoni xierqa x'iressaq fiż-żmien li trid il-liġi, ħlief waħda dikjaratorja, billi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma ssirx biex il-Qorti tiddeċiedi hi minflok il-Kummissjoni intimata u żgur mhux qabel ma din tkun tat id-deċiżjoni tagħha dwar il-petizzjoni tiegħu;*

*Tqis li, essenzjalment, it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat trid li l-Qorti torbot lill-Kummissjoni intimata li timxi mal-liġi jew, fin-nuqqas, ma tkomplix miexja bil-proċess. Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din;*

*Tqis li ma għandhiex tkun talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex awtorità pubblika (bħalma hija l-Kummissjoni intimata) tintwera li trid twettaq is-setgħat tagħha billi tħares il-liġi. Dan imissha u hija mistennija tagħmlu dejjem;"*[9]

*Illi l-esponenti jirrilevaw ghalhekk li huwa ċar li mad-daqqa t'għajn jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt oġġettiv x'jivvanta u dan stante li kif ġie muri f'dina r-Risposta l-esponenti dejjem imxew fil-parametri tal-liġi u bi tħaris tal-istess.*
*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrenti jillamenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Dan jimplika li r-rikorrenti għandu jġib prova li l-preġudizzju li ser isofri huwa wieħed li ma jistax jitranġa u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

[9] Rik. Nru. 1737/17JRM - Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1737/17 flismijiet: **Geoffrey BARTOLO *vs.* IL-KUMMISSJONI GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.**

*Illi fil-każ odjern, gialadarba l-proċess tal-ħatra huwa sospiż pendenti l-eżitu tal-petizzjoni kif ukoll magħdud mal-fatt li r-rikorrenti ingħata l-kummenti u kjarifiki tal-Bord tal-Għażla, l-opportunità li jagħmel s-sottomissjonijiet bil-miktub u seduta għas-smigħ, dak allegat mir-rikorrenti huwa totalment infondat. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed ma jistax jipprospetta l-ħtieġa ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex jissalvagwardja dritt meta tali ħtieġa ma teżistix.*

*Illi ladarba hemm possibilità illi l-ħsara li r-rikorrenti qed jallega li qieged iġarrab tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ quddiem organi ġudizzjarji, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta qieset illi:*

*"kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji"*[10].

*Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, l-esponenti jisottomettu illi r-rikorrenti qatt ma jista' jsostni illi huwa ser isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk il-mandat odjern ma jintlaqax għaliex sempliċement permezz ta' kawża ta' natura ta' stħarriġ udizzjarju quddiem organi ġudizzjarji tista' b'kull mod u manjiera tindirizza l-preġudizzju illi huwa allegatament qiegħed isofri. Għalhekk Qorti munita b'kompetenza illi tirrevedi tali deċiżjonijiet tiġi rinfaċċata bi proċedura ġudizzjarja diversa minn dik odjerna (li hija straordinarja) tindirizza l-preġudizzju li allegatament isir bil-proċedura tal-petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, dan ifisser illi tali preġudizzju qatt ma kien irrimedjabbli.*

*Illi għalhekk, l-esponenti tissottometti li l-proċedura odjerna konsistenti fit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija kemm irritwali kif ukoll inidoneja u abbużiva u li għalhekk għandha tiġi skartata.*

*Di più, fil-każ odjern, huwa ċar li l-ħsara li r-rikorrent jista' jsofri huwa se mai ta' dannu pekunjarju minħabba telf ta' qliegħ. Sitwazzjoni bħal din tista' tigi rimedjata billi tinfetaħ kawża għal riżarċiment tad-danni minħabba xi allegat ksur tal-proċedura tal-proċess tal-għażla. Ċertament li dan jista' jsir biss jekk il-Qorti*

[10] Digriet tal-PA ghal Mandat ta' Inibizzjoni 1737/17JRM fl-ismijiet **Geoffrey *Bartolo vs.* Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et** 4 ta' Jannar 2018.

*tkun sodisfatta li l-proċess tal-għażla ma sarx kif suppost u kien preġudizzjevoli għaliha fis-sens monetarju (ara* ***L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci nomine vs Id-Direttur tal-Kuntratti*** *tat-18 ta' Lulju 2008).*

*L-esponenti jerġgu jagħmlu riferenza għall-provediment fl-ismijiet* ***Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et*** *(rikors numru 1804/3008) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2008 fejn dina l-Qorti osservat illi "Tqis li, għar-rigward it-tieni element, il-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. B'żieda ma' dan, jekk kemm-il darba ma jintweriex li għad fadal isir xi ħaġa oħra minn dak li r-rikorrent qiegħed jitħasseb minnha, lanqas ma jkun sodisfatt l-element tal-ħtieġa. Tqis li, fil-każ preżenti, l-ħtieġa tar-rikorrenti li jinħareġ il-Mandat minnu mitlub ma tirriżultax għaliex jekk inhu minnu li l-proċess tal-għażla kien vizzjat, huwa jibqagħlu bla mittiefes il-jedd li jieħu l-passi meħtieġa biex jingħata r-rimedju jew il-kumpens li jixraq, jieqaf jew ma jieqafx il-proċess preżenti. Fit-tieni lok, diġà ntwera li, minn kemm ilu fil-kariga ta' superintendent, ir-rikorrent diġà ħa sehem darb'oħra f'sejħa għall-għażla u ma kienx intagħżel, iżda għadu ta' età tali u xejn ma jfixklu milli jerġa' jitfa' l-applikazzjoni f'każ ta' sejħa oħra li tista' ssir fil-ġejjieni".*

*L-esponenti jissottomettu li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmilitawx favur il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għaliex anke it-tieni element huwa karenti.*

*Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti diġà huwa karenti mill-ewwel parti ta' dan l-artikolu u ċioè li l-proċess huwa f'dan l-istadju sospiż pendenti l-eżitu tal-petizzjoni u li l-esponenti Uffiċċju tal-Kummissjoni kien ta lir-rikorrenti l-possibilità li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll seduta għas-smigħ ta' sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrent.*

*Dwar l-aspett tal-proporzjonalità, meta wieħed jiżen il-preġudizzju jew hardship li jista' jġarrab ir-rikorrenti li kieku kellu jigi finalizzat il-proċess tal-għażla ma' dak li jista' jseħħ li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', il-preġudizzju li ser isofri l-Gvern ħa jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' jġarrab ir-rikorrenti. Dan għaliex huwa manifest li l-għan għas-sejħa għall-għażla sar sabiex timtela l-vakanza fis-servizz pubbliku b'funzjoni importanti fil-Ministeru intimat u*

*dan peress li tali posizzjoni hija funzjoni neċessarja għal dak li jirrigwarda l-operat tal-Ministeru. Għandu jingħad illi l-ekonomija ta’ Għawdex tiddependi ħafna mit-turiżmu u hu proprju l-kompitu tad-dipartiment tal-Cleansing illi jżomm id-dehra ta’ Għawdex. Minħabba żieda fit-turiżmu l-Ministeru ħass illi kien hemm bżonn tal-pożizzjoni ta’ Assisent Direttur (Cleansing) u għaldaqstant l-operat tad-dipartiment in kwistjoni u tal-Ministeru innifsu qiegħed jiġi mittiefes min-nuqqas ta’ tali ħatra. Għaldaqstant, f’każ li l-mandat odjern jiġi milqugħ, il-Gvern ta’ Malta ser isofri żewġ preġudizzji, ossia nuqqas fl-operat tal-Ministeru liċ-ċittadin kif ukoll nuqqas ta’ riżorsi fil-Ministeru esponenti.*

*Illi min-naħa l-oħra, l-preġudizzju li semmai jista’ jsofri r-rikorrenti huwa ferm inqas minn dak li ġarrab l-esponenti u dan stante li r-rikorrenti dejjem għandu l-fakultà li jitlob kumpens pekunjarju quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jagħmel tajjeb għal ħsarat li jidhirlu li ġarrab.*

*Illi r-rikorrenti jagħmel riferenza għad-Digriet fl-atti tal-mandat numru 1289/2017AE, iżda bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, l-fatti ta’ dak il-każ kienu partikolari u kien minhabba dawk il-fatti partikolari li ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub.*

*F’dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li jista’ jsofri l-Gvern ma’ dak li jista’ jsofri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista’ jġarrab il-Gvern fl-eventwalità li jinħareġ il-Mandat ta’ Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jista’ jsofri r-rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinħariġx.*

*Illi mhuwiex minnu dak li qed jivvanta r-rikorrenti illi l-pożizzjoni għal Assistent Direttur (Cleansing) ilha vakanti mill-2006. Din il-posizzjoni inħolqot fl-2018 wara li ġiet approvata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ta’ min jgħid illi fid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp hemm ħafna sezzjonijiet fejn m’hemmx posizzjoni ta’ Assistent Direttur, u dan il-fatt ma jfissirx illi hemm vakanza għal din il-posizzjoni. Infatti fid-direttorat kollu hemm biss żewġ Assistenti Diretturi, wieħed Proġetti u l-ieħor Agrikoltura. Għaldaqstant ma jreġix l-argument tar-rikorrenti illi ser isofri sproporzjon tal-preġudizzju jekk ma jintlaqax il-mandat.*

*Illi għalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex toħroġ il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta’ tali mandat. In fatti, kif ġie muri,*

*dak li qed jittenta jwaqqaf ir-rikorrenti mhuwiex maħsub li jsir. Illi jsegwi galhekk li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.*

*Illi lanqas fil-mertu, ir-rikorrenti ma rnexxilux jipprova li t-talba tiegħu hija mistħoqqa u dan stante illi l-liġi teħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' tali mandat. L-ewwel ħaġa li jrid juri hu li l-mandat huwa meħtieġ biex iħares il-jedd pretiż mir-rikorrenti u t-tieni ħaġa li r-rikorrenti jkun jidher li prima facie għandu dak id-dritt. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi.*

*Illi fil-każ odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li r-rikorrenti ma għandux prima facie d-drittijiet li qed jippretendi li għandu u kieku kellu tali drittijiet il-mandat ta' inibizzjoni li qed titlob il-ħruġ tiegħu fi kwalunkwe każ ma kienx ikun meħtieġ sabiex ir-rikorrenti jħares id-drittijiet pretiżi minnu.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz tat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jittenta jwaqqaf mhux tant il-proċess tal-għażla ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fil-Ministeru għal Għawdex, proċess li jirriżulta li diġà waqaf bis-saħħa tal-petizzjoni li għamel ir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, daqskemm il-proċess li permezz tiegħu hu qiegħed jikkontesta r-riżultat tal-gradwatorja permezz ta' petizzjoni li hu ressaq quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Permezz tal-proċedura odjerna r-rikorrent qiegħed jindirizza dawk li hu jqis li huma nuqqasijiet fil-proċess li bih jiġu ttrattati l-petizzjonijiet ta' individwi quddiem il-Kummissjoni, partikolarment il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u dan wara talba li hu għamel għal informazzjoni dwar il-proċess li bih ġiet stabbilita l-gradwatorja għall-ħatra fil-grad ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) li taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex, partikolarment għall-marki li ġabu l-kandidati l-oħra li pparteċipaw f'din is-sejħa, għal liema talba l-Kummissjoni wieġbet billi tat aċċess mhux għall-*file* komplut rilevanti għal din l-għażla, iżda billi tat lir-rikorrent aċċess għan-noti li ttieħdu mill-persuni fuq il-Bord tal-Għażla waqt l-*interview* tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn dik li jsejjaħ sitwazzjoni ta' żvantaġġ, u dan minħabba li filwaqt li l-Bord tal-Għażla għandu l-informazzjoni sħiħa dwar il-kandidati kollha li pparteċipaw f'din is-sejħa biex jiddefendi r-riżultat tal-għażla waqt is-smigħ tal-petizzjoni mressqa minnu quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrent jinsab priv minn informazzjoni u dettalji partikolarment dwar terzi, li hu jgħid li jista' juża biex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu waqt is-smigħ tal-petizzjoni mressqa minnu. Il-jedd li r-rikorrent qiegħed jippretendi li ġie

mċaħħad lilu mhux il-jedd li japplika għal promozzjoni, jew addirittura li jingħata tali promozzjoni, iżda l-jedd għal aċċess għall-informazzjoni li hu jista' jutilizza biex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu fis-sottomissjonijiet li jrid jagħmel lill-Kummissjoni.

L-intimata Kummissjoni min-naħa tagħha sostniet li r-rikorrenti m'għandux il-jedd li qiegħed jippretendi li għandu, partikolarment in vista tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tad-data dwar l-individwu, u dwar il-kunfidenzjalità tal-proċessi kollha miżmuma mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, tant li qalet li hija prekluża milli tagħti t-tip ta' informazzjoni mitluba mir-rikorrent. Ġie eċċepit ukoll illi huma nieqsa għalkollox l-elementi stabbiliti fil-liġi għall-ħruġ ta' mandat bħal dan.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-korrispondenza li hu kellu mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, bir-risposta li ngħatatlu għat-talba li ressaq sabiex jingħata l-informazzjoni dwar il-kandidati l-oħrajn in segwitu għall-proċess tal-għażla li sar.[11] Ir-rikorrent esebixxa wkoll kopja ta' ittra mibgħuta mill-konsulent legali tiegħu lill-Kummissjoni fejn ta r-raġunijiet għaliex qiegħed jippretendi li jingħata l-informazzjoni sabiex ikun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet waqt is-smigħ tal-petizzjoni mressqa minnu[12], kif

[11] *A fol.* 13 tal-proċess.
[12] *A fol.* 15 tal-proċess.

ukoll kopja tar-risposta mogħtija lilu mill-Kummissjoni flimkien ma' kopja tat-*transcripts* tat-tweġibiet li hu ta waqt l-*interview* li saritlu.[13]

Il-Kummissjoni intimata min-naħa tagħha esebiet kopja tal-'*Manual on the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service.*[14]'

**Konsiderazzjonijiet legali**

Sabiex mandat bħal dak mitlub mis-soċjetà rikorrenti jiġi akkordat, jeħtieġ li jkun ibbażat fuq jedd, li r-rikorrenti ikollu dan il-jedd *prima facie*, u li l-istess rikorrenti jkun ser isofri preġudizzju irriparabbli jekk ma jiġix ikkawtelat bil-Mandat.

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

[13] *A fol.* 19 u 20 tal-proċess.
[14] *A fol.* 38 tal-proċess.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[15]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta *si tratta* ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara et**[16]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

[15] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.
[16] P.A., 13.05.2014.

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani, fosthom *inter alia* fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**.[17]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-

[17] P.A., 28.01.2005.

Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[18] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa’ talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta’ Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li “jidher”, fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun, jiġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa’ fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq

[18] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x’inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta’ dritt, anke jekk din tista’ ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta’ natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> “Illi … l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta’ provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.”[19];

(5) “Ir-rabta ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni m’għandhiex tintuża bħala arma ta’ theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B’dan il-mod, il-Mandat ma

---

[19] P.A., 25.01.2005.

jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[20]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[21]

Element ieħor li jrid jiġi sodisfatt f'każijiet fejn il-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, bħal ma hu l-każ odjern, hu li tali persuna jew rappreżentant tal-awtorità intimata, trid tikkonferma fil-Qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qiegħda tintalab li tiġi miżmuma bil-Mandat, fil-fatt ikun hemm il-ħsieb li ssir. F'dan il-każ, l-avukat difensur tal-Kummissjoni intimata spjega li l-proċess biex timtela l-vakanza ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fil-preżent hu wieqaf minħabba fil-petizzjoni li ressaq ir-rikorrent. Il-Qorti fehmet illi anki li kieku ma kienx għal dan il-mandat, u għall-ħruġ tiegħu b'mod provviżorju, il-proċedura għall-ħatra ta' Assistent Direttur ma tistax titkompla sakemm tiġi fi tmiemha l-proċedura mnedija mir-rikorrent, ossia l-petizzjoni magħmula minnu sabiex jikkontesta l-gradwatorja u r-riżultat quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. L-artiklu 873 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabbilixxi illi:

---

[20] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[21] **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

> "Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-Awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

Waqt it-trattazzjoni id-difensur tar-rikorrent iċċara l-pożizzjoni u ssottometta li kieku ma sarx dan il-Mandat, il-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent ma kienx jieqaf, u spjega li d-diċitura użata fir-rikors tiegħu, '*il-proċess tal- u għall-ħatra*' kienet maħsuba sabiex tirreferi għall-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni mill-Kummissjoni, u mhux għall-proċess tal-mili tal-vakanza inkwistjoni. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti sejra tikkonsidra jekk jikkonkorrux l-elementi meħtieġa sabiex jitwaqqaf il-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni inkwistjoni mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, in vista tal-lanjanza ewlenija tar-rikorrent petizzjonant, li l-Kummissjoni mhix tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali billi tagħtih aċċess għall-informazzjoni kollha miżmuma minnha u dan sabiex ikun jista' jagħmel il-każ tiegħu quddiemha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-proċess għall-mili ta' vakanza fis-servizz pubbliku jibda mal-ħruġ tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, f'dan il-każ għall-kariga ta' Assistent Direttur (Public Cleansing) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, jinkludi l-proċess tal-intervisti

jew l-eżami li jrid isir lill-kandidati, il-pubblikazzjoni tar-riżultati, il-proċess tas-smigħ tal-petizzjonijiet li jsiru mill-kandidati, jekk ikun hemm, u d-deċiżjoni dwar tali petizzjonijiet, li ġġib fi tmiemu l-proċess kollu tal-mili ta' vakanza bid-deċiżjoni finali li tingħata.

Tqis li minkejja li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku qiegħda ssostni li l-proċess għall-mili tal-vakanza huwa wieqaf, wieħed mill-komponenti ewlenin għat-tkomplija ta' tali proċess, dik tas-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent, twaqqaf biss bis-saħħa tal-intavolar ta' dan il-Mandat, u li kieku ma kinitx għal din il-proċedura, il-Kummissjoni kienet ser tkompli bil-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent fit-termini ta' żmien stabbiliti minnha. Hu għalhekk li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, stante li dan il-Mandat kien meħtieġ biex titwaqqaf il-proċedura tas-smigħ tal-petizzjoni li r-rikorrent jargumenta li mhuwiex proċess li jirrispekkja l-prinċipji tal-ġustizzja naturali in vista tal-fatt li l-Bord tal-Għażla qiegħed f'pożizzjoni aktar vantaġġuża mir-rikorrent peress li għandu l-informazzjoni sħiħa dwar il-kandidati kollha li pparteċipaw f'din is-sejħa biex jiddefendi r-riżultat tal-għażla waqt is-smigħ tal-petizzjoni, mentri r-rikorrent m'għandux dik l-informazzjoni u f'dan ir-rigward jidher li hemm nuqqas ta' *parity of arms* bejn il-partijiet, stante li l-Bord tal-Għażla qiegħed f'pożizzjoni ferm aktar vantaġġuża mir-rikorrent.

Il-Qorti tqis illi mad-daqqa t'għajn jidher li petizzjonant għandu jedd li jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha li jista' jeħtieġ biex jagħmel is-

sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod. Mingħajr ma tidħol fil-mertu dwar jekk il-marki tal-kandidati l-oħra jikkostitwixxux data protetta taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali f'kull proċess li jkollha quddiemha. Waqt is-smigħ tal-petizzjoni tiegħu quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrent għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża dik dwar ir-riżultati miksuba mill-kandidati l-oħrajn, sabiex ikun f'qagħda li jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod dwar jekk fuq bażi ta' mertu r-riżultat maħruġ mill-Bord tal-Għażla kienx wieħed ġust jew le. Il-Qorti hawnhekk bl-ebda mod ma trid tiftiehem li qiegħda tgħaddi xi tip ta' ġudizzju dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, imma l-petizzjonant biex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu in sostenn tal-petizzjoni tiegħu għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha rilevanti u pertinenti għall-każ tiegħu.

Hekk stabbilit li r-rikorrent għandu mad-daqqa t'għajn jedd x'jikkawtela permezz tal-Mandat, fis-sens li l-proċeduri tal-petizzjoni li qegħdin isiru quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jkunu jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u li sabiex dan ikun jista' jseħħ ir-rikorrent għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha rilevanti sabiex huwa jkun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni bl-aħjar mod, il-Qorti trid fl-aħħar nett tistħarreġ dwar l-element tal-irrimedjabbilità u tal-proporzjon tal-preġudizzju.

Il-Qorti diġà qieset illi fl-eventwalità li dan il-Mandat ma jintlaqax, huwa ċar li l-Kummissjoni ser tkompli għaddejja bis-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent petizzjonant, f'ċirkostanzi fejn ir-rikorrent hu żvantaġġat inkwantu huwa priv mill-informazzjoni meħtieġa sabiex huwa jkun jista' jagħmel il-każ tiegħu bl-aħjar mod. Tqis ukoll li fl-eventwalità li l-petizzjoni tinstema' mingħajr eżitu favorevoli għar-rikorrent, u għalhekk il-proċess tal-ħatra tal-persuna li kklassifikat fl-ewwel post tal-gradwatorja jiġi formalizzat, ir-rimedju li jkollu r-rikorrent ikun wieħed ta' kawża quddiem il-Qorti, liema proċeduri jieħdu l-ħin tagħhom biex jiġu kkonklużi, u li ser ifissru aktar spejjeż u telf ta' ħin għar-rikorrent. Tqis li r-rikorrent irid jindirizza sitwazzjoni inġusta li hu jħoss li nħolqot fil-konfront tiegħu minħabba fil-mod kif il-Kummissjoni tagħżel li tikkonduċi l-proċeduri tagħha, u li kien għalhekk li hu qiegħed jitlob proprju li l-proċeduri tas-smigħ u d-determinazzjoni tal-petizzjoni tiegħu jieqfu sakemm hu jingħata aċċess għall-informazzjoni kollha biex ikun jista' jagħmel il-każ tiegħu quddiem il-Kummissjoni. Għal din is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' parità u nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fi proċeduri li jistgħu jitqiesu li huma aġġudikatorji, ma hemm l-ebda rimedju effettiv għar-rikorrent, għajr għal proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, proċeduri li għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom fir-rigward tar-rimedju li jistgħu joffru lir-rikorrent.

Il-Qorti kkonsidrat is-sottomissjonijiet tal-intimati, partikolarment fejn sostnew *inter alia* li r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd li jingħata l-promozzjoni li jixtieq. Tqis però li l-lanjanza ewlenija fir-rikors promotur għal ħruġ tal-Mandat mhijiex dwar il-pretensjoni tar-rikorrent li l-ħatra inkwistjoni tingħata

lilu, jew dwar ir-riżultat tal-Bord tal-Għażla, iżda li bil-ħruġ tal-Mandat għandhom jitwaqqfu l-proċeduri tas-smigħ tal-petizzjoni quddiem il-Kummissjoni sakemm tingħata deċiżjoni finali fil-mertu dwar jekk ir-rikorrent għandux jingħata aċċess għall-informazzjoni li qiegħed jippretendi li għandu jingħata. Il-Kummissjoni intimata ssottomettiet ukoll li r-rikorrent m’għandu l-ebda jedd *prima facie* li jingħata aċċess għall-inkartament kollu tal-file inkwistjoni, inklużi l-marki ta’ terzi. Iżda f’dan ir-rigward il-Qorti terġa’ ttenni li f’dan l-istadju tal-*prima facie* kulma qiegħda tistabbilixxi huwa li r-rikorrent għandu l-jedd li jingħata smigħ xieraq mill-Kummissjoni, xi ħaġa li tista’ ssir biss jekk hu jkollu f’idejh l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun jista’ jagħmel il-każ tiegħu bl-aħjar mod.

Il-Kummissjoni intimata eċċepiet ukoll li l-Gvern ser jisfa ppreġudikat doppjament jekk dan il-mandat jintlaqa’ partikolarment minħabba li mhux ser ikun jista’ jilħaq il-miri tiegħu għal dak li huwa tindif pubbliku ġewwa Għawdex. Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent ilu *de facto* jagħmel ix-xogħol ta’ Assistent Direttur (Public Cleansing) mis-sena 2006, u għalhekk ċertament li mhu ser jinħoloq l-ebda preġudizzju lill-amministrazzjoni pubblika f’każ li jinżamm l-i*status quo* għal ftit taż-żmien ieħor sakemm il-proċeduri tal-petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jiġu fi tmiemhom b’mod li jkun jirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

**Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-Mandat għandu jintlaqa’, u l-proċess tas-smigħ tal-petizzjoni tar-rikorrent għandu jieqaf, u dan sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-mertu, u**

**dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ir-rikorrent jista' jsofri preġudizzju li għalih ma jkunx hemm rimedju**.

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-intimati.**

Mogħti kameralment fil-5 ta' Diċembru, 2018.